

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1801**tas-7 ta' Ottubru 2015****li jwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2015 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2), u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2014 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 ⁽²⁾,
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1180/2013 ⁽³⁾,
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 24/2014 ⁽⁴⁾, u
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ⁽⁵⁾.
- (2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2015 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1221/2014 ⁽⁶⁾,
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1367/2014 ⁽⁷⁾,
 - ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 ⁽⁸⁾, u
 - r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/106 ⁽⁹⁾.
- (3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati għalih, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠUL 356, 22.12.2012, p. 22).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1180/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jiffissal-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku (ĠUL 313, 22.11.2013, p. 4).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 24/2014 tal-10 ta' Jannar 2014 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠUL 9, 14.1.2014, p. 4).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 24, 28.1.2014, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1221/2014 tal-10 ta' Novembru 2014 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 43/2014 u (UE) Nru 1180/2013 (ĠUL 330, 15.11.2014, p. 16).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1367/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 li jiffissa għall-2015 u l-2016 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠUL 366, 20.12.2014, p. 1).

⁽⁸⁾ r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/106 tad-19 ta' Jannar 2015 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠUL 19, 24.1.2015, p. 8).

- (4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dan it-tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għandu jsir fis-sena/snin ta' wara billi jiġu applikati l-fatturi rispettivi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dawk il-paragrafi.
- (5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għall-2014. Għalhekk, jixraq li jitwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2015 u, fejn rilevanti, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet mistada żżejjed.
- (6) Fl-2012, Spanja qabżet il-kwota tagħha tas-sajd għall-istokk tal-iskampu fiż-żoni IX u X; fl-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 (NEP/93411). It-tnaqqis ta' 75,45 tunnellata li rriżulta minn dan is-sajd żejjed kien applikabbli fl-2013 u, fuq talba ta' Spanja, ġie mqassam fuq perjodu ta' tliet snin, sa mill-2013. Il-bqija tat-tnaqqis annwali applikabbli għall-istokk NEP/93411 ta' Spanja jammonta għal 19-il tunnellata fl-2015, mingħajr ħsara għal kull adattament ieħor fil-kwoti.
- (7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 871/2014 ⁽¹⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1360/2014 ⁽²⁾ stipulaw tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għal ċerti pajjiżi u speċijiet għall-2014. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri, it-tnaqqis li kellu jiġi applikat għal ċerti speċijiet kien ikbar mill-kwoti rispettivi disponibbli fl-2014 u, għalhekk, ma setax jitwettaq bis-sħiħ matul dik is-sena. Biex ikun żgurat li każijiet bħal dawn jitnaqqas l-ammont kollu għall-istokkijiet rispettivi, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fadal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis tal-kwoti għall-2015 u, fejn rilevanti, minn kwoti sussegwenti.
- (8) It-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd kif previst minn dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ħsara għat-tnaqqis applikabbli għall-kwoti tal-2015 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011 ⁽³⁾ u skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 ⁽⁴⁾.
- (9) Billi l-kwoti jingħataw ftunnellati jew f'biċċiet sħaħ, il-kwantitajiet li fihom inqas minn tunnellata jew minn biċċa ma jitqisux,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti tas-sajd iffissati fir-Regolamenti (UE) Nru 1221/2014, (UE) Nru 1367/2014, (UE) 2015/104, u (UE) 2015/106 għas-sena 2015 għandhom jitnaqqsu skont kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr ħsara għat-tnaqqis previst fir-Regolament (UE) Nru 165/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- ⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 871/2014 tat-11 ta' Awwissu 2014 għat-twettiq ta' tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2014 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti (ĠU L 239, 12.8.2014, p. 14).
- ⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1360/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 għat-twettiq ta' tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2014 minħabba sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħrajn fis-sena preċedenti u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 871/2014 fir-rigward tal-ammonti li għandhom jitnaqqsu fis-snin futuri (ĠU L 365, 19.12.2014, p. 106).
- ⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011 tat-22 ta' Frar 2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010 (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 11).
- ⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 62).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

TNAQQIS MILL-KWOTI TAL-ISTOKKIJIET LI SAR SAJD ŻEJJED TAGĦHOM

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali tal-2014	Ħatt l-art permess għall-2014 (l-kwantità totali addattata f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali fl-2014 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-ħatt l-art permess (%)	Sajd żejjed imqabbel mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	Tnaqqis li fadal mill-2014 (5)	Bilanċ pendent (6)	Tnaqqis li jrid jiġi applikat fl-2015 (kwantità f'tunnellati)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
BE	PLE	7HJK.	Barbun tat-tbajja'	Fiż-żoni VIIh, VIIj u VIIk	8,000	1,120	3,701	330,45	2,581	/	/	/	/	2,581
BE	SOL	8AB.	Lingwata komuni	Fiż-żoni VIIIa u VIIIb	47,000	327,900	328,823	100,28	0,923	/	C	/	/	1,385
BE	SRX	07D.	Rebakkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Un- joni taż- żona VII d	72,000	60,000	69,586	115,98	9,586	/	/	/	/	9,586
BE	SRX	67AKXD	Rebakkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Un- joni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k	725,000	765,000	770,738	100,75	5,738	/	/	/	/	5,738
DK	COD	03AN.	Bakkaljw	Skagerrak	3 177,000	3 299,380	3 408,570	103,31	109,190	/	C	/	/	163,785
DK	HER	03 A.	Aringi	IIIa	19 357,000	15 529,000	15 641,340	100,72	112,340	/	/	/	/	112,340
DK	HER	2A47DX	Aringi	Fiż-żoni IV, VII d u fl-ilmijiet tal- Unjoni taż- żona IIa	12 526,000	12 959,000	13 430,160	103,64	471,160	/	/	/	/	471,160

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
DK	HER	4AB.	Aringi	Fl-ilmijiet tal-Unjoni u Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30' N	80 026,000	99 702,000	99 711,800	100,10	9,800	/	/	/	/	9,800
DK	PRA	03 A.	Gamblu tat-Tramuntana	IIIa	2 308,000	2 308,000	2 317,330	100,40	9,330	/	/	/	/	9,330
DK	SAN	234_2	Ċiċċirell	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona tal-ġestjoni taċ-ċiċċirell 2	4 717,000	4 868,000	8 381,430	172,17	3 513,430	2	/	/	/	7 026,860
DK	SPR	2AC4-C	Laċċa kaħla u qbid aċċessorju	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV	122 383,000	126 007,000	127 165,410	100,92	1 158,410	/	/	/	/	1 158,410
ES	ALF	3X14-	Fonsa ħamra	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	67,000	67,000	79,683	118,93	12,683	/	A	3,000	/	22,025
ES	BSF	56712-	Ċinturin Iswed	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII	226,000	312,500	327,697	104,86	15,197	/	A	/	/	22,796
ES	BSF	8910-	Ċinturin Iswed	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X	12,000	6,130	15,769	257,24	9,639	/	A	27,130	/	41,589

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
ES	BUM	ATLANT	Marlin blu	Fl-Oċean Atlantiku	27,200	27,200	124,452	457,54	97,252	/	A	27,000	/	172,878
ES	DWS	56789-	Kelb il-baħar tal-fond	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII VIII u IX	0	0	3,039	N/A	3,039	/	A	/	/	4,559
ES	GFB	567-	Lipp abjad	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI, u VII	588,000	828,030	842,467	101,74	14,437	/	/	/	/	14,437
ES	GFB	89-	Lipp abjad	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni VIII, u IX	242,000	216,750	237,282	109,47	20,532	/	A	17,750	/	48,548
ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt tal-Groenlandja	Fl-ilmijiet tan-Norveġja taż-żoni I u II	/	0	22,685	N/A	22,685	/	/	/	/	22,685
ES	HAD	5BC6 A.	Merluzz tal-linja sewda	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni Vb, u VIa	/	2,840	18,933	666,65	16,093	/	A	12,540	/	36,680
ES	HAD	7X7A34	Merluzz tal-linja sewda	Fiż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1	/	0	3,075	N/A	3,075	/	A	/	/	4,613
ES	NEP	9/3411	Skampu	Fiż-żoni IX u X; fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1	55,000	33,690	24,403	72,43	- 9,287	/	/	19,000 (?)	/	9,713

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħrajn	Fl-ilmijiet tan-Norveġja taż-żoni I u II	/	0	26,744	N/A	26,744	/	/	/	/	26,744
ES	POK	56-14	Pollakkju iswed	Fiż-żona VI; fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV	/	4,810	8,703	180,94	3,893	/	/	/	/	3,893
ES	RNG	5B67-	Roundnose grenadier	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni Vb, VI, u VII	70,000	111,160	125,401	112,81	14,241	/	/	/	/	14,241
ES	SBR	678-	Paġella ħamra	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII	143,000	133,060	136,418	102,52	3,358	/	/	/	/	3,358
ES	SOL	8AB.	Lingwata komuni	Fiż-żoni VIIIa u VIIIb	9,000	8,100	9,894	122,15	1,794	/	A+C	2,100	/	4,791
ESP	SRX	89-C.	Rebakkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIII u IX	1 057,000	857,000	1 089,241	127,10	232,241	1,4	/	/	/	325,137
ES	USK	567EI.	Tusk	Fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni V, VI, u VII	26,000	15,770	15,762	99,95	- 0,008	/	/	58,770	/	58,762
ES	WHM	ATLANT	Marlin abjad	Fl-Oċean Atlantiku	30,500	25,670	98,039	381,92	72,369	/	/	0,170	/	72,539
FR	SRX	07D.	Rebakkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId	602,000	627,000	698,414	111,39	71,414	/	/	/	/	71,414
FR	SRX	2AC4-C	Rebakkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV	33,000	36,000	48,212	133,92	12,212	/	/	/	/	12,212

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
IE	PLE	7HJK.	Barbun tat-tbajja'	Fiż-żoni VIIh, VIIj u VIIk	59,000	61,000	78,270	128,31	17,270	/	A	/	/	25,905
IE	SOL	07 A.	Lingwata komuni	Fiż-żona VIIa	41,000	42,000	43,107	102,64	1,107	/	/	/	/	1,107
IE	SRX	67AKXD	Rebukkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k	1 048,000	1 030,000	1 079,446	104,80	49,446	/	/	/	/	49,446
LT	GHL	N3LMNO	Ħalibatt tal-Groenlandja	NAFO 3LMNO	22,000	0	0	N/A	0	/	/	46,000	/	46,000
LV	HER	03D.RG	Aringi	fis-sottotaqsima 28.1	16 534,000	19 334,630	20 084,200	103,88	749,570	/	/	/	/	749,570
NL	HKE	3 A/BCD	Merluzz	Fiż-żona IIIa; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Sottotaqsimiet 22-32	/	0	1,655	N/A	1,655	/	C	/	/	2,482
NL	RED	1N2AB.	Redfish	Fl-ilmijiet tan-Norveġja taż-żoni I u II	/	0	2,798	N/A	2,798	/	/	/	/	2,798
PT	ANF	8C3411	Petrika	Fiż-żoni VIIIc, IX u X; fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1	436,000	664,000	676,302	101,85	12,302	/	/	/	/	12,302

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
PT	BFT	AE45WM	Tonna	Fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran	235,500	235,500	243,092	103,22	7,592	/	C	/	/	11,388
PT	HAD	1N2AB	Merluzz tal-linja sewda	Fl-ilmijiet tan-Norveġja taż-żoni I u II	/	0	26,816	N/A	26,816	/	/	/	344,950	371,766
PT	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	Fl-ilmijiet tan-Norveġja taż-żoni I u II	/	18,000	11,850	65,83	- 6,150	/	/	/	185,000	178,850
PT	SRX	89-C.	Rebakkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIII u IX	1 051,000	1 051,000	1 059,237	100,78	8,237	/	/	/	/	8,237
SE	Bakkaljaw	03AN.	Bakkaljaw	Skagerrak	371,000	560,000	562,836	100,51	2,836	/	C	/	/	4,254
UK	DGS	15X14	Mazzola griża	Fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII VIII XII u XIV	0	0	1,027	N/A	1,027	/	A	/	/	1,541
UK	GHL	514GRN	Ħalibatt tal-Groenlandja	Fl-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni V u XIV	189,000	0	0	N/A	0	/	/	1,000	/	1,000
UK	HAD	5BC6 A.	Merluzz tal-linja sewda	Fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni Vb, u VIa	3 106,000	3 236,600	3 277,296	101,26	40,696	/	/	/	/	40,696

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)
UK	MAC	2CX14-	Kavalli	Fiż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc u VIIIe; fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żona Vb; fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	179 471,000	275 119,000	279 250,206	101,50	4 131,206	/	/	/	/	4 131,206
UK	NOP	2A3A4.	Merluzz tan-Norveġja	Fiż-żona IIIa; Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV	/	0	14,000	N/A	14,000	/	/	/	/	14,000
UK	PLE	7DE.	Barbun tat-tbajja'	Fiż-żoni VIId u VIIe	1 548,000	1 500,000	1 606,749	107,12	106,749	1,1	/	/	/	117,424
UK	SOL	7FG.	Lingwata komuni	Fiż-żoni VIIf u VIIfg	282,000	255,250	252,487	98,92	(- 2,763) ⁽⁸⁾	/	/	1,950	/	1,950
UK	SRX	07D.	Rebkkini u raj	Fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId	120,000	95,000	102,679	108,08	7,679	/	/	/	/	7,679
UK	WHB	24-N	Stokkafixx	Fl-ilmijiet tan-Norveġja taż-żoni II u IV	0	0	22,204	N/A	22,204	/	/	/	/	22,204

⁽¹⁾ Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet għas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet għas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) jew ir-reallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet għas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

⁽²⁾ Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. It-tnaqqis ekwivalenti għas-sajd żejjed × 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd żejjed li jkun daqs 100 tunnellata jew inqas.

⁽³⁾ Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

⁽⁴⁾ L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5, minħabba snin konsekuttivi ta' sajd żejjed fis-snin 2012, 2013 u 2014. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 għaliex l-istokk huwa soġġett għal pjan multiannwali.

⁽⁵⁾ Il-kwantitajiet li fadal li ma setgħux jitnaqqsu fl-2014 skont ir-Regolament (UE) Nru 871/2014 billi ma kienx hemm kwota disponibbli, jew ma kienx hemm kwota biżżejjed.

⁽⁶⁾ Il-kwantitajiet li fadal imqabbla mas-sajd żejjed fis-snin qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li ma jistgħux jitnaqqsu minn stokk ieħor.

⁽⁷⁾ Fuq talba ta' Spanja, l-irkupru li kellu jintradd fl-2013 ġie mqassam fuq tliet snin.

⁽⁸⁾ Din il-kwantità m'għadhiex disponibbli wara t-talba tat-trasferiment li għamel ir-Renju Unit skont ir-Regolament (KE) Nru 847/96 u li japplika skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1170 (ĠU L 189, 17.7.2015, p. 2).